MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Numru. 1127/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**
**vs**
**Josephine k/a Joyce Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Josephine k/a Joyce Azzopardi ta’ 42 sena bint Alfred u Teresa nee’ Zaffarese, imwielda Pieta’ nhar il-11 ta’ Jannar 1968 u residenti 60, Fuq Verdala, Bormla u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 77868M giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fit-2 ta’ Settembru 2011 minn gewwa r-residenza 187, Triq San Mikiel, Bormla ikkommettiet serq ta’ 480 Euro ghad-dannu ta’ Antoinette Previ, liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur.
Rat l-atti kollha ta’ dan il-prodediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ Ottubru 2011 esebit a fol.4 tal-process) sabiex dawn il-

proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2012 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-26 ta' Jannar 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat l-fatt ukoll li ghandha fedina penali netta u l-fatt li l-ammont in kwistjoni gie rifuz lill-vittma.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268 u 269, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfornti taghha kif minnha ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------